**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**
**-vs-**
**Said Salem Said Al Daba, detentur tal-passaport Malti bin-numru MT053143 u tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 543821L.**

*Każ Nru.: 6998/2024*

Illum**, 16 ta' Settembru, 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Said Salem Said Al Daba,** u ċioè talli:

> Matul il-perjodu tax-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:
>
> 1. Inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna tal-**Ispettur Clayton Camilleri**, **PC 714 Daniel Bonavia** u **PS 627 Daniel Gauci**, inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżża' jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;
> 2. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, bl-imġieba tiegħu kkaġuna lill-**Ispettur Clayton Camilleri, PC 714 Daniel Bonavia u PS 627 Daniel**

**Gauci** biża' li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà tagħhom jew kontra l-persuna/i jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1), fejn twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt, fejn id-delitt twettaq bl-użu jew it-theddid tal-użu ta' arma;

3. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li ser jagħmel xi reat;

4. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra;

5. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, għamel użu ieħor mhux xieraq bih;

6. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni fuq il-persuni ta' **Spettur Clayton Camilleri, PC 714 Daniel Bonavia u PS 627 Daniel Gauci**;

7. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-**Imħallef Dr. Natasha Galea Sciberras LL.D** permezz tad-digriet ta' nhar l-erbatax (14) ta' Ġunju tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2024) li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija;

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena skont il-liġi, tordna r-revoka *contrario imperio* tad-digrieti li bihom **Said Salem Said Al Daba** ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat u kif ukoll tordna li s-sommom bħala depożitu u garanziji personali, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-**Ispettur Clayton Camilleri, PC 714 Daniel Bonavia u PS 627 Daniel Gauci u l-familjari tagħhom** billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taht dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament u dan ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imputat u kif ukoll tarresta lill-imputat mill-ġdid.

Il Qorti hija mitluba wkoll sabiex is-somma ta' ħames t'elef ewro (€5,000) bħala garanzija personali tgħaddi favur il Gvern ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar id-9 ta' Settembru, 2024, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) moqri flimkien mal-artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena ġie kunsidrat li bejn t-tieni w is-sitt imputazzjonijiet jeżisti l-konkors formali ta' reati fejn il-piena l-aktar gravi hi dik kontemplata bl-artikolu 251(3) tal-Kodiċi Kriminali.

Inoltre il-Qorti qieset in-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom u tal-fatt li kif spjega l-Ispettur Camilleri, wieħed mill-vittmi ta' dan i-każ, l-imputat għaraf l-iżball tiegħu w għalhekk ma kienx qed jinsisti li dan jingħata piena karċerarja.

Ittieħdet konsiderazzjoni tal-fatt li l-imputat qed jirċievi kura psikjatrika kif ukoll tal-ammissjoni bikrija tiegħu. Finalment il-Qorti rat li hu importanti li l-imputat, li għandu fedina penali li ma toħloq l-ebda preokkupazzjoni għall-Qorti, jibqa' jiġi segwit minn professjonisti fosthom l-abbli psikjatrika Dr. Claire Axiaq.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 251(3), 339(1)(e) u 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 49(a)(b),(c) tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal **sena u nofs priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed tiġu sospiża għall-tlett (3) snin millum.

In oltre' ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tpoġġi lill-ħati taħt ordni ta' superviżjoni ghal sentejn (2) u flimkien ma' din is-sentenza qiegħda tannetti d-digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni għandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inoltre tordna l-konfiska ta' **tlett mitt ewro (€300)** mill-garanzija personali li in konsiderazzjoni tal-istess ingħata l-ħelsien mill-arrest mill-Maġistrat Dr. Natasha Galea Sciberras fid-digriet mogħti nhar l-14 ta' Ġunju, 2022.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jingħatawlu fil-perjodu ta' superviżjoni

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien sentejn sabiex jingħata l-għajnuna psikjatrika meħtieġa. Dan l-ordni qed jiġi anness ma din is-sentenza.

L-imputat qed jiġi ordnat iħassar immedjatament kwalunkwe filmat u kommunikazzjoni oħra li xerred fuq medja soċjali suġġett ta' dawn il-proċeduri.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Dipartiment tal-Probation u l-Parole.

Finalment tordna notifika ta' din id-deċiżjoni lir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**